Stqarrija għall-istampa

Ġurnata Ewropeja ta' Speech and Language Therapy 6 ta' Marzu 2008

"Speech and Language Therapy, Aktar minn Kliem"

Flimkien ma` tletin organiżżazzjoni Ewropea, membri tas-CPLOL (Standing Liaison Committee of Speech and Language Therapists / Logopedists in the European Union), l-Assoċċjazzjoni ta` l-iSpeech-Language Pathologists (l-ASLP) qed tiċċelebra l-Ġurnata Ewropea ta' Speech and Language Therapy. Din il-ġurnata qed tkun imfakkra f'Malta għall-ewwel darba.

It-tema magħżula għal din is-sena hija "Kundizzjonijiet Newroloġiċi fit-Tfal". Dawn jinkludu, per eżempju, *brain damage,* 'cerebral palsy', 'dyspraxia', u ħsara kkawżata minn puplesija wara xi trawma. Dawn il-kundizzjonijiet iseħħu minħabba inċident jew ħsara li tkun saret matul it-tqala, eżatt qabel jew wara l-ħlas. Id-diffikultajiet ta` dawn it-tfal jinkludu problemi persistenti fil-movimenti tagħhom. Dawn id-diffikultajiet ivarjaw kemm fil-mod ta` kif jippreżentaw ruħhom, kif ukoll fis-severita` tagħhom. Xi bidliet fil-kundizzjoni jistgħu anki jseħħu matul iż-żmien.

Speech-Language Pathologists (SLPs) li jaħdmu ma` dawn it-tfal għandhom sehem importanti fil-proċess ta` rijabilitazzjoni. Għajnuna pprovduta minn kmieni, tassigura riżultati aħjar. Il-ħidma ta` SLPs ma` dawn it-tfal bi problemi newroloġiċi tinkludi l-istimulazzjoni ta` l-iżvilupp tal-lingwa u tal-komunikazzjoni. L-għan tat-terapija hu li taħdem biex toħroġ il-potenzjal ta` l-individwu. Huwa tajjeb li wieħed jinnota li ma hemm l-ebda relazzjoni bejn il-livell ta` diżabilita` fiżika u l-abbilta` mentali. F'sitwazzjonijiet fejn id-diskors ma jkunx l-aktar mod effettiv kif wieħed jikkomunika minħabba s-severita` tal-problema newroloġika, mezz alternattiv ta` komunikazzjoni jista' jiġi mplimentat. Fejn ikun neċessarju, l-SLPs jistgħu joffru l-konsultazzjoni tagħhom anki fuq diffikultajiet ta` kif wieħed jibla', jomgħod u jiekol. L-SLPs jaħdmu ma` l-individwu biex jiżviluppaw għodda biex wieħed jikkomunika u juża l-lingwa b'mod effettiv fil-ħajja ta` kuljum. B'hekk titjieb il-kwalita` tal-ħajja u l-ħiliet akkademiċi.

L-SLPs jaħdmu wkoll ma` nies li jkunu qed jesperjenzjaw diffikultajiet oħra fil-komunikazzjoni. Fost l-iktar diffikultajiet komuni insibu dawk fl-iżvilupp tad-diskors u l-lingwa, l-awtiżmu w problemi fis-smiegħ. Ma` l-adulti, l-SLPs jaħdmu l-aktar fuq diffikultajiet fil-vuċi u diffikultajiet fil-komunikazzjoni li jkunu ġew ikkawżati, per eżempju, minn puplesija, *Parkinson's Disease* u *Dementia*.

L-ASLP twaqqfet fl-1985, meta mill-ewwel kienet irrikonoxxuta bħala għaqda professjonali min-naħa tal-*Federation of Professional Bodies* f'Malta. L-għaqda ġiet mibnijja fuq erba` kunċetti: li tissalvagwardja l-professjoni w il-kodiċi etika tagħha, li żżomm ma` l-i*standards* u żviluppi tal-mument, u biex toħloq iktar għarfien mal-pubbliku in ġenerali. Matul dawn l-aħħar għoxrin sena, in-numru ta` SLPs ikkwalifikati dejjem żdied, u b'hekk l-assoċjazzjoni baqgħet tikber u tiżviluppa biex tilħaq l-isfidi tal-mument. Tistgħu ssibu aktar informazzjoni dwar l-ASLP mill-*website* tagħna www.aslpmalta.org jew fuq in-numru 21312888.

L-iSpeech Language Department (SLD), qed jipparteċipa ukoll fiċ-ċelebrazzjonijiet għal din il-ġurnata. L-SLD li jinsgħab fi Triq l-Ingiered, Hal-Luqa (viċin l-SVPR) se jkun miftuħ

għal pubbliku nhar il-Hamis 6 ta' Marzu bejn it-8 ta' filgħodu u t-3 ta' wara nofs inhar. Dawk kollha li jixtiequ jistaqsu mistoqsijiet  huma mistiedna jżuru d-dipartiment. L-SLD jikkordina is-servizz ta' SLPs offrut mid-Dipartiment tas-Saħħa. Is-servizzi jingħataw miċ-Ċentri tas-saħħa kollha, l-isptarijiet kollha tal-Gvern, numru ta' bereġ u mill-iskejjel speċjali. Għal aktar ddettalji wieħed jista jċempel fuq 21230822 jew jibgħat e-mail fuq speechlanguage@gov.mt